MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 1210/2005

AIC Joseph Barbara, Josephine mart Raymond Azzopardi proprio kif ukoll bhala prokuratur tal-imsiefra Anna Maria mart Salvatore Saddemi, Patricia mart David Anastasi, u Greta mart Anthony Bartolo Parnis
vs
Joseph D'Alessandro

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond numru 42, Block D, St. Julian's Court, Triq is-Sur Fons, San Giljan.

Illi l-konvenut qieghed jokkupa l-fond surreferit illegalment, abbusivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi stante l-gheluq tac-cens temporanju fl-14 ta' Gunju, 2002 (skond il-kuntratt ta' cens anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok

‘A’) u l-konsegwenti reversjoni tal-proprjeta` f’idejn id-direttarji, l-atturi.

Illi l-konvenut jippretendi li jibqa’ jokkupa l-fond surreferit bhala residenza ordinarja tieghu b’titolu ta’ ***utile dominium*** perpetwu billi l-konvenut jippretendi li l-ligi taghtih dan id-dritt.

Illi din il-pretensjoni tal-konvenut saret b’ittra ufficjali tal-konvenut datata 9 ta’ Awissu 2005 (annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok ‘B’).

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tipprefiggi terminu lill-istess konvenut, a tenut tal-art. 403 u 404 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), sabiex f’dan it-terminu l-konveut igib ‘il quddiem b’kawza l-pretensjoni tieghu.

2. Timpedixxi lill-konvenut milli qatt izjed jagixxi ghal dik il-pretensjoni, fin-nuqqas.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta’ Lulju 2005 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi qabel xejn it-talbiet attrici huma preskritti stante li l-konvenut fit-13 ta’ Awissu 2002 ipprezenta att gudizzjarju, liema att gie debitament notifikat lill-atturi u ghalhekk ghadda t-terminu ta’ sena stipulat mill-ligi ghall-istutizzjoni ta’ l-azzjoni odjerna. Kopja ta’ dan l-att giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok. JD.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi d-dritt tal-konvenut johrog mill-ligi, Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi fejn issemma li l-atturi huma proprjetarji tal-fond numru 42, Block D, St. Julian's Court, Triq is-Sur Fons, San Giljan. Illi l-konvenut qieghed jokkupa l-fond surreferit illegalment, abbusivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi stante l-gheluq tac-cens temporanju fl-14 ta' Gunju, 2002 u l-konsegwenti reversjoni tal-proprjeta` f'idejn id-direttarji, l-atturi. Illi l-konvenut jippretendi li jibqa' jokkupa l-fond surreferit bhala residenza ordinarja tieghu b'titolu ta' ***utile dominium*** perpetwu billi l-konvenut jippretendi li l-ligi taghtih dan id-dritt. Illi din il-pretensjoni tal-konvenut saret b'ittra ufficjali tal-konvenut datata 9 ta' Awissu 2005.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut fejn issemma li qabel xejn it-talbiet attrici huma preskritti stante li l-konvenut fit-13 ta' Awissu 2002 ipprezenta att gudizzjarju, liema att gie debitament notifikat lill-atturi u ghalhekk ghadda t-terminu ta' sena stipulat mill-ligi ghall-istutizzjoni ta' l-azzjoni odjerna. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-dritt tal-konvenut johrog mill-ligi, Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din hi decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni u dana ai termini ta’ digriet moghti minn din il-Qorti. Illi l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenut li t-talbiet attrici huma preskritti stante li l-konvenut fit-13 ta’ Awissu 2002 ipprezenta att gudizzjarju, liema att gie debitament notifikat lill-atturi u ghalhekk ghadda t-terminu ta’ sena stipulat mill-Ligi ghall-istituzzjoni ta’ l-azzjoni odjerna.

L-artikolu 403 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jistipula li:
“Meta f’atti gudizzjarji, jew xort’ohra bil-miktub, persuna tippretendi li ghandha xi jedd, il-parti li trid tehles din il-pretensjotzi tista’ fi zmien sena mill-istess pretensjoni, titlob, b’rikors guramentat, li jigi moghti zmien lil persuna li ppretendiet li ghandha dak il-jedd, biex iggib il-quddiem b’kawza dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta’ dan, jigi lilha mpedut li tagixxi qatt izjed ghal dik il-pretensjoni”

Illi l-azzjoni tal-jattanza hekk kif ukoll maghrufa tal-millantazzjoni tapplika fejn persuna, f’atti gudizzjarji jew xort’ohra bil-miktub tippretendi li tista’ tezercita xi jedd kontra persuna ohra. Din tal-ahhar jekk trid tehles minn tali pretensjoni ghandha l-jedd li tressaq azzjoni sa mhux izjed tard minn sena minn mindu ssirilha l-pretensjoni, kontra min ghamilha, biex il-Qorti tordna lil min jippretendi l-jedd li jressaq l-azzjoni ghad-definizzjoni ta’ dak il-jedd innifsu fi zmien moghti mill-istess Qorti.

Il-konvenut ipprezenta kopja ta’ att gudizzjariu hekk kif imsemmi fl-istess artikolu li permezz tieghu huwa ressaq il-pretensjoni; dan l-att gudzzjarju kien gie pprezentat fit-13 ta’ Awissu 2002 li fih inniffsu mhux biss kien jinkludi l--konverzjoni tac-cens minn temporanju ghal perpetwu flimkien ma’ depozitu tas-somma relattiva sabiex tigi liberament zbankata mill-atturi nfushom, u dan gie notifikat lill-atturi. Din ic-cedola saret wara li l-istess attur Barbara bhala amministratur ta’ l-atturi rrifjuta [fil-fehma tal-konvenut minghahr ebda raguni valida fil-ligi] l-ammont offert ta’ tliet mija u disa’ u tletin Lira Maltin (Lm339) rapprezentanti l-ammont ekwivalenti ghal sitt darbiet ta’ l-ammont pagabbli originarjament u dana skond

konverzjoni li saret skond il-ligi u dan ghal perjodu ta’ sitt xhur.

Il-konvenut sostna li dan ir-rifjut da parti ta’ l-atturi huwa wkoll rapportat fl-istess premessi tac-cedola, liema premessa qatt ma giet kontestata bl-ebda mod da parti ta’ l-istess atturi. Ghaldaqstant minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal aktar ‘il fuq, dan ifisser illi meta l-konvenut kien effettivament offra l-ammont pagabbli bhala cens lill-atturi, meta l-konvenut ghamel din l-offerta (li giet rifjutata kit intqal), dan il-fatt ukoll anke fih innifsu jikkostitwixxi millantazzjoni.

Infatti l-konvenut isostni li mir-riferti relattivi tac-cedola msemmija, jirrizulta li l-atturi gew notifikati fis-17 ta’ Awissu 2002 u ghalhekk johrog car li t-terminu ta’ sena ghall-azzjoni ta’ jattanza mressqa mill-atturi u li skatta mill-istess att gudizzjarju kif fuq imsemmi u spjegat, ilu li skada u llum l-azzjoni proposta mill-istess atturi hija preskritta. Il-konvenut isostni li t-terminu ta’ sena beda ghaddej minn dakinhar, cioe` mill-att gudizzjarju ta’ 1-2002. Sostna li c-cedola mhux biss hija att gudizzjarju, izda hija minna nnifisha diretta lejn l-istess atturi bhala intimati, u l-istess atturi gew fil-fatt intimati anke sabiex jizbankaw l-ammont hemm depozitat u jaghtu l-ircevuta relattiva. L-atturi ma kienux semplicement spettaturi fl-att gudizzjarju tac-cedola in kwantu huma intimati fl-istess cedola u gew notifikati bl-istess.

Min-naha l-ohra l-atturi jsostnu li din hi azzjoni ta’ jattanza skattata mill-ittra ufficjali datata 7 ta’ Settembru, 2005 mibghuta mill-konvenuta lill-atturi. L-atturi jikkontendu li kwalunkwe cedola ta’ depozitu maghmula mill-konvenuta u notifikata lill-atturi ma tikkostitwixxix millantazzjoni ai termini tal-ligi u dan proprju ghaliex ma tammontax ghal sejha gudizzjarja espressa (Vol. XXXVI.iii.632) u li inoltre l-ezercizzju taghha ghad irid jigi (Vol. XXXII.i.645). Huwa fil-fatt maghruf li meta “il-mittenti jaghmel allegazzjoni spontanea li tkun tikkoncerna pretensjoni li l-ezercizzju taghha jkun ghad irid jigi u din ikollha skop specifiku, allura jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega biex tigi eradikata l-azzjoni ta’ millantazzjoni kif prospettata mil-ligi

fl-artikolu 403 tal-Kapitolu 12” (“**Charles Darmanin & Co. Ltd. vs Maltacom p.l.c. gja Korporazzjoni Telemalta**” datata 28 ta’ Jannar, 2004 u deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili). L-atturi jsostnu li l-funzjoni ta’ cedola ta’ depozitu certament ma tistax tigi mqabbla ma’ dik ta’ protest jew ta’ ittra ufficjali jew xort’ohra ta’ att gudizzjarju fejn mhux biss ikun hemm allegazzjoni guridika imma wkoll fejn, oltre hekk, l-allegazzjoni ta’ dritt tkun kjarament esigibbli u tkun tikkontjeni interpellazzjoni esplicita jew implicita lill-intimati sabiex jissodifaw dak id-dritt. (a propozitu ‘**Avukat Generali ghan-nom tal-Gvern ta’ Malta et vs l-Av. Dottor Hugh Peralta noe** Appell, 28 t’April, 2000). Anqas ma tikkontjeni tali cedola, jew hija b’xi mod intiza biex tammonta ghal monitu specifiku li ser jittiehdu jew li ghandhom jittiehdu proceduri legali jew ghal xi avvertiment iehor li jista’ jigi attwat kif rikjest mil-ligi sabiex ikun hemm il-millantazzjoni li tista’ twassal ghal azzjoni ta’ jattanza.

L-atturi jikkontendu wkoll li jekk din il-Qorti tqis li c-cedoli ta’ depozitu maghmulin mill-konvenuta jammontaw ghal millantazzjoni rikjesta ai termini tal-art. 403 tal-Kap. 12, xorta wahda f’dak il-kaz ma tistax din l-Qorti ssib li l-azzjoni taghha ta’ jattanza hija preskritta u dan minhabba li l-ligi nnifisha ma teskludix il-fatt li kien hemm jew seta’ kien hemm xi forma ta’ millantazzjoni precedenti ghal dik li finalment twassal ghall-azzjoni ta’ jattanza. L-atturi jirreferu ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **L-Avukat Generali noe et vs L-Av. Hugh Perlata noe et** (deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta’ Dicembru, 1997) li qalet:
“Qabel xejn ghandu jigi enfasizzat li f’kawza ta’ jattanza din il-Qorti mhux tenuta tezamina cirkostanzi ohra kif qed jallega l-konvenut. Jekk kellha taghmel dan tkun kostretta ta’ bilfors li tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-kontendenti. Haga li certament ma kenitx intiza mill-legislatur meta ta lill-Qorti l-poteri msemmija fl-art 403 et seq tal-Kap 12. L-indagini li trid taghmel il-Qorti ghalhekk ghandha tkun limitata sabiex jigi determinat jekk il-jedd pretiz fl-att gudizzjarju huwiex wiehed incert jew li jiddependi minn event futur.”

Jirreferu wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Salvino Mifsud Bonmci vs Adrian Busietta** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civil fis-7 ta' Lulju, 1995 fejn jinghad:
"Illi in forza tal-artikolu 403 tal-Kap. 12 pretensjoni simili trid tkun saret jew b'att gudizzjarju jew inkella bil-miktub; ghalhekk it-talba tal-konvenut tista' tigi nkwadrata a tenur tal-imsemmi artikolu. Jipprovdi wkoll li citazzjoni bhal din ghandha ssir fi zmien sena minn meta ssir l-imsemmija millantazzjoni; dan jidher li gie soddisfatt peress li ghalkemm l-imsemmija ittra ezebita giet miktuba aktar minn tliet snin ilu din giet segwita minn korrispondenza ulterjuri u anke gie prezentat il-protest fuq riferit u ghalhekk jidher illi sa zmien sena precedenti ghall--prezentata ta' din ic-citazzioni kienet saret it-talba, kit rikjest mil-ligi"

Ghalhekk jikkontendu li zgur ma kenitx l-intenzjoni tal-legislatur li jillimita l-azzjoni tal-jattanza fir-rigward tal-ewwel millantazzjoni biss u dan mhux biss ghaliex ***ubi lex voluit dixit***. Ghaldaqstant l-atturi sostnew li l-azzjoni taghhom m'hijiex preskritta ai termini tal-art. 403 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti sejra tikkwota diversi siltiet mill-Cremona ***Raccolta della Giurisprudenza sul Codice di Procedura Civile*** – Vol I Pagni 875 et 9riferibbilment ghall-artikolu 425 kif kien enumerat fil-IV.1855:

"Per farsi luogo all' esercizio dell'azione di ***jattanza*** e` neccessario provare il possesso della cosa sopra cui si fossero millantate delle pretensioni, (P.A. 13 novembre 1867, ***Imbroll c. Ellul***, confermata in A. 29 ottobre 1858 vol I. I, 170 e 171 col. 1a. In pr.).
Il rimedio di cui nell'art. 425, Cod, Proc. Civ., e` accordato quando si fosse millantata una pretensione, e non quando una pretensione fosse stata dedotta in gudizio. (P. A. 16 gennaio 1964, ***Gay c. Farrugia Gay,*** vol. III. 24 col. 2a. in fin., 15 col. 1a. in pr.).

Quando in un controprotesto si deduce un atto di difesa contro pretensioni millantate dalla controparte, non sono applicabili le depozioni dell'art. 425 e segg. Cod. Proc.

Civ. (A. 9 novembre 1864, ***Spiteri Agius Bonnici c. Formosa, ibid.,*** a`90 col. 1a. in fin. E in senso conforme ***v. infre*** P. A. 19 novembre 1898, ***Azzopardi c. Genovese,*** vol. XVI, part. II, 398 in fin.).

La semplice dichiarazione di animo di voler intervenire in un gudizio relativo alla successione di un terzo, per quanto dedotta in un protesto, non ammonta a millantazione (P. A. 12 novembre 1864, ibid. 198 col. 2a, in fin., in senso conforme P. A. 9 aprile 1867, ***Manduca Piscopo Macedonia c. Fontani Manduca***, vol. IV, 110 col. 1a. med.)…..

E` di regola che non possono ritersi come millantazioni gli atti relativi ad un possesso o quasi possesso, che risulti gia' dichiarato o provato, o ad azioni od eccezioni gia' decise dall'Autorita` competente. (A. 5 febbraio 1868, ***Sammut c. Grech Delicata, ibid.*** 147 col. 2a, med.).

Non sono millantazioni di pretensione comtemplate nell'art. 425, Cod. Proc. Civ. I diritti da uno riservati in un controprotesto, quando gli stessi diritti si trovano gia` riconoscuti ed approvati dalla controparte in un contatto (A. 14 febbraio 1870, ***Dimech c. Borg,*** vol. V. 274, col. 2a. med.)….

Nel giudizio sommario di jattanza pero` l' attore non deve provare un giusto titolo di possesso sulla cosa controversa; e` sufficente la prova che egli ***de facto*** la possegga. E` quindi estranea ad un tal gudizio l'indagine sull'applicazione del principio che I beni si presumono dell'erede finche` chi pretende di aver diritto sugli stessi non provi la loro indole fedecommissaria. (P. A. 26 aprile 1877, ***Spiteri Agius c. Formosa,*** vol. III, 169 col, 1a.).`…

Come condizione costituente gli estremi del gudizio di jattanza, e` richiesto, che la millantazione contega una pretesa, il cui esercizio riguardi il tempo avvenire – che non presenti una ragione di necessita`, o di cantela giuridica, come sarebbe una interruzione di prescrizione e simili che la pretensione sia di un carattere, da poter tradursi in gudizio; che la millantazione abba uno scopo

determinabile, specifico, o capace a specificarsi, quindi non una generica millantazione; quindi un interesse attuale, positivo e contrastato. Difatti, essendo questo gudizio un gudizio preventivo, tende ad ottenere la dichiarazione di non pertinenza e mancanza dei diritti vantati, prima che piaccia ai convenuti di proporre l'esperimento innazi al tribunale."

Fl-isfond ta' dan kollu l-Qorti ghandha d-dover li l-ewwelnett tiddeciedi jekk il-kliem li nghad fic-cedola ta' depozitu kienx sufficjenti jew le. Infatti dan il-kliem intqal fl-att gudizzjarju li kien prezentat fit-13 ta' Awissu 2002. Il-ligi ssemmi atti gudizzjarji jew xort'ohra bil-miktub fejn persuna tippretendi li ghandha xi jedd. Issa fic-cedola tad-depozitu saret referenza ghall-konverzjoni tac-cens minn temporanju ghal perpetwu u sar id-depozitu relattiv u din ic-cedola giet notifikata lill-atturi. Jidher li l-atturi gew notifikati fis-17 ta' Awissu 2002. L-atturi jikkontendu li c-cedola ta' depozitu mhix sufficjenti u li ghalhekk it-terminu ma jiddekorrix min-notifika tac-cedola. Fil-kopja tac-cedola ta' depozitu fol 24 ***et*** tal-process issir referenza ghall-kuntratt tas-26 ta' Novembru 1984 fejn il-konvenut kien xtara u akkwista cens temporanju ghal 45 sena dekorribbli mill-14 ta' Gunju 1957 tal-appartament ***de quo***. Jissemma fic-cedola li s-socjeta` Holidays Ltd ***a sua volta*** kienet akkwistat l-appartament b'referenza ghall-kuntratti u li l-atturi huma l-proprjetarji tad-dirett dominju u meta taghlaq is-sub-enfitewsi temporanja. Jinghad ukoll li l-konvenut odjern ried jipprevalixxi ruhu mill-artikolu 12 (4) tal-Kap 158 biex jikkonverti c-cens temporanju f'wiehed perpetwu u ghalhekk kien qed joffri s-somma ta' Lm339 rapprezentanti l-ammont ekwivalenti ghal sitt darbiet is-sub cens originali u jinghad li kien qieghed jikkonverti s-sub cens temporanju ghal cens perpetwu u ddepozita s-somma. Issa apparti minn kull kunsiderazzjoni ohra dwar in-natura tac-cedola tad-depozitu li fil-fehma ta' din il-Qorti certament tinkwadra ruhha bhala att gudizzjarju xorta wahda zgur li tifforma pretensjoni ta' jedd bil-miktub u li ghalhekk ghandha titqies li tinkwadra fl-artikolu 403.

L-aspett l-iehor li sar referenza ghalih hija l-fatt jekk kull pretensjoni gdida tergax tiftah il-possibbilta` fis-sens li

meta ssir millantazzjoni jibda jiddekorri t-terminu ta' sena. Infatti l-atturi jikkontendu li l-intenzjoni tal-legislatur ma kenitx li jillimita l-azzjoni tal-jattanza fir-rigward ta' l-ewwel millantazzjoni biss. L-atturi jikkontendu li t-terminu jiskatta mill-millantazzjoni maghmula b'mod li meta ssir pretensjoni bil-miktub jiskatta t-terminu.

Saret referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fit-30 ta' Mejju 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Turu Ciscaldi Limited vs Water Service Corporation u Enemalta Corporation Limited** (Citazz. Numru 658/01JRM) li ezaminat it-terminu preskrittiv ta' sena. F'dak il-kaz tqajmet il-kwistjoni jekk it-terminu ta' sena ghandux jghodd mill-ewwel kont li kien effettivament intbaghat mill-korporazzjonijiet konvenuti inkella mill-kontijiet sussegwenti li ntbaghatu wara l-ewwel wiehed u ntqal:
"Illi l-kwestjoni ta' \-\mien minn meta g]andha tibda ti[i meqjusa s-sena msemmija fl-artikolu 403 hija l-qofol tan-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet f'din il-kaw\a. It-tnejn jaqblu li l-kont mibg]ut lill-kumpannija attri`i fil-21 ta' Marzu, 2001, ma kienx l-ewwel wie]ed tal-g]amla tieg]u. Il-kumpannija attri`i tg]id li l-li[i ma ssemmix li, f'ka\ ta' jattanza ripetuta, is-sens g]andha tibda ti[i mag]duda minn dak inhar tal-ewwel wa]da. Min-na]a l-o]ra, il-korporazzjonijiet im]arrkin jg]idu li jekk il- kont kellu jitqies b]ala g]amil ta' jattanza, hu mid-data tal-ewwel kont li s-sena trid titqies;

Illi din il-Qorti taf li f'xi `irkostanzi o]rajn [ie de`i\ li azzjoni ta' jattanza kienet mag]mula sewwa minkejja li l-ewwel millantazzjoni kienet saret minn tal-anqas tliet snin qabel l-att [udizzjarju li tenna l-"fta]ira". I\da l-Qorti ma temminx li dak hu li ried il-le[islatur u taqbel mal-korporazzjonijiet im]arrkin f'dan ir-rigward. Jekk il-kont mibg]ut lill-kumpannija attri`i jista' jitqies b]ala okka\joni ta' millantazzjoni bil-miktub (g]aliex `ertament mhux att [udizzjarju), u b]alu kienu ntbag]tu o]rajn, ma hemm l-ebda ra[uni g]aliex i\-\mien mog]ti lill-kumpannija attri`i biex tressaq l-azzjoni tal-jattanza ma kellux g]alfejn jibda jitqies mal-wasla g]andha tal-ewwel kont. Kieku, min-na]a l-o]ra, i\-\mien ta' sena jista' ji[[edded kull darba li persuna tir`ievi kont (fis-sens ta' *statement*, b]al f'dan il-ka\), ma

jag]mel l-ebda sens li l-artikolu 403 ikollu dak it-terminu g]aliex dejjem hemm il-possibilita' li 'l quddiem g]ad jasal kont ie]or u jer[a' jibda g]addej i\-\mien mill-[did. Dan kollu, fid-dawl tal-fatt li l-azzjoni hija wa]da li te]les lil persuna minn pretensjoni billi tag]laq g]al dejjem ]alq il-pretendent, jimmilita kontra l-argument imressaq 'il quddiem mill-kumpannija attri`i;"

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-mod logiku ta' l-interpretazzjoni huwa li t-terminu jiddekorri mill-ewwel pretensjoni bil-miktub ***purche`*** tali pretensjoni tkun maghmula bejn l-istess persuni jew aventi kawza taghhom u fuq l-istess binarji b'mod li jekk jidhlu persuni godda jew jekk il-pretensjoni tigi modifikata ghalkemm parzjali terga' tigi applikabbli l-kawza tal-jattanza. Issa fil-kaz in ezami gew mibdula l-partijiet jew le? U meta wiehed jezamina c-cedola ta' depozitu bilfors ikollu jasal li jghid li le riferibbilment ghall-ittra ufficjali. Ukoll l-ittra ufficjali kienet semplicement risposta ghall-ittra ufficjali tal-atturi ghal zgumbrament bhala l-att gudizzjarju li minnu beda jiddekorri z-zmien tas-sena stabbilit mil-ligi. Infatti sewwa sostnew il-konvenuti li bl-istess argument ta' l-atturi kull darba li jkun hemm cedola gdida ta' depozitu, jerga' jibda jiddekorri l-perjodu tas-sena. Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk il-perjodu ta' sena ddekorra mid-data tac-cedola cioe` minn Awissu 2002, u ghal dawn ir-ragunijiet l-azzjoni kif promossa mill-atturi hija preskritta.

E. **KONKLUZJONIJIET:**

Ghaldaqstant tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tichad ghalhekk it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------